

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Sib Professjonist Legali](#) > [Medjaturi](#) > Romania

Medjaturi

Il-kontenut ipprovdut minn Rumanija

Rumanija



Din it-taqsimha tgħinek issib medjatur fir-Rumanija.

Kif issib medjatur fir-Rumanija

Skont l-Artikolu 12 tal-Liġi Nru. 192/2006, il-medjaturi awtorizzati jiġu rreġistrati mal-Bord tal-Medjaturi, li nħoloq u jinżamm aġġornat mill-Kunsill tal-Medjazzjoni u jiġu perġodikament ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali Rumenu, Parti I.

Il-Bord tal-Medjaturi huwa wkoll disponibbli fis-sit elettroniku uffiċjali tal-[Kunsill tal-Medjazzjoni](#).

Is-sit elettroniku tal-Kunsill tal-Medjazzjoni jipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

- Bord/Lista tal-medjaturi;
- Awtorizzazzjoni;
- Akkreditazzjoni;
- Modifikazzjoni;
- Leġiżlazzjoni;
- Informazzjoni ta' interess pubbliku;
- Deċiżjonijiet;
- [Reġistru Nazzjonali tal-Assoċjazzjonijiet Professionali tal-Medjaturi](#);
- Links;
- Informazzjoni ta' kuntatt.

L-informazzjoni fis-sit elettroniku tal-Kunsill tal-Medjazzjoni ilha disponibbli mit-2 ta' Novembru 2006.

Fost l-informazzjoni addizzjonali li tista' ssib mill-[Bord tal-Medjaturi](#) hemm:

- L-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) li l-medjaturi jkunu membri tagħhom;
- Il-programm ta' taħriġ fil-medjazzjoni li ggradwaw minnu;
- L-ilsien barrani li bih jistgħu jmessu medjazzjoni;
- Id-dettalji ta' kuntatt tagħhom.

Jekk inti interessat li ssolvi tilwima permezz tal-medjazzjoni, tista' tagħmel kuntatt ma' medjatur. Il-bord tal-medjaturi jintwera fil-bini tal-qrati u fis-sit elettroniku tal-Ministeru tal-Ġustizzja.

Il-Bord tal-Medjaturi jiġi aġġornat perġodikament mill-Kunsill tal-Medjazzjoni li jikkomunika l-aġġornamenti lill-qrati, lill-awtoritajiet tal-gvern nazzjonali u tal-gvernijiet lokali u lill-Ministeru tal-Ġustizzja.

L-aċċess għall-bażi tad-dejta tal-medjaturi huwa mingħajr ħlas?

Iva.

Kif tfittex medjatur fir-Rumanija

Tista' tfittex [medjatur](#) billi tuża l-kriterji li ġejjin:

- L-ewwel ittra ta' isem il-medjatur, u
 - Il-kontea fejn ikun stabbilit l-uffiċċju prinċipali tiegħu.
-

■ L-aħħar aġġornament: 10/06/2013

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.